# L-Istatwa Ta' Sant'Ubaldeska Tagħlaq Mitt Sena

**minn Anthony Boffa**



L-istatwa ta' Sta. Ubaldeska

L-istatwa ta' Sant' Ubaldeska Verġni li llum tinstab fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, ta' Raħal Ġdid u li l-abbozz tagħha jinstab fis-sagristija ta' l-istess knisja, din is-sena tagħlaq 100 sena minn mindu saret mill-iskultur magħruf Carlozzu Darmanin.

Skond programm tal-festa ta' din il-qaddisa, li saret f'Raħal Ġdid fis-sena 1900, kif ġie ppublikat fil-ġurnal Malta Tagħna tal-25 ta' Awissu 1900, din l-istatwa saret bil-ġbir. F'dan il-programm insibu tifħir kbir għal din l-istatwa li jgħid hekk, "Din l-istatwa hija sabiħa wisq u mhux aħna biss sejrin infaħħruha, għax bosta nies li jifhmu qalulna li għib, jaħasra, statwa bħal dik isservi għal barra. Tant kemm hi perfetta li tistħajjilha qed tkellmek."

*ikompli f'paġna 75*



[25 ta Awissu 1900]

MALTA TAGĦNA

IL FESTA
TA' SANT' UBALDISCA VERĠNI

Stedina
LILL PÒPLU TA' RAĦAL ĠDID
NHAR IL FESTA
TA'
SANT' UBALDISCA VERĠNI
Fis-26 ta' Awissu 1900.

Ilhol, pòplu, farraġ kalbec
Ġewwa 't-Tempiu tal Chir Alla,
Fejn il bhar mal għana kela
Lejn is-sema ked jitfalla'.

*Dan id-dokument ftit għadhom rawh. Korrispondenza fil-gazzetta 'Malta Tagħna' tal-25 ta' Awissu 1900. Artiklu ppubblikat lejlet il-festa ta' Sta. Ubaldeska ta' l-1900 li fih jissemma ċar il-'każin il-ġdid Fra Antoine De Paula'. Dan l-artiklu juri l-programm tal-festa li fiha żżanżnet ukoll l-istatwa ta' Sta. Ubaldeska ta' Darmanin li tinsab fil-Knisja Parrokkjali. Tidher ukoll poeżija ħelwa ħafna bħal 'Stedina lill-poplu ta' Raħal Ġdid'. Dan id-dokument importanti għalina jinsab fil-Bibljoteka Nazzjonali.*

Aħna bħala Soċjetà li għandna għal qalbna l-patrimonju ta' Raħal Ġdid, nsostnu li hija ħasra li din l-istatwa tant artistika u li għandha parti mportanti fl-istorja tar-raħal tagħna mhux qed tkun ikkultivatha kif jixraq. Inħossu li għandha titqiegħed f'niċċa, aktar fil-baxx biex kulħadd ikun jista' jgawdi aħjar il-valur artistiku tagħha.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nagħmel appell lill-Pawlisti kollha biex inwaqqfu moviment fostna bl-iskop li nħarsu dak kollu li fforma l-istorja tar-Raħal tagħna u nibdew billi nakkwistaw aktar tagħrif fuqu. Hemm bosta postijiet storiċi fir-Raħal tagħna li ħaqqhom attenzjoni fosthom: l-Ipoġew, it-Tempji Neolitiċi ta' Kordin, il-Palazz ta' Perillos, il-Knisja ta' Sant Ubaldeska, il-Knisja Parrokkjali, in-niċeċ tal-qaddisin fit-toroq tagħna, l-Arkata u l-għajn li kien hemm fil-Pjazza, li sfortunatament, jidher li tlifnihom għal kollox.



*L-Abbozz ta' l-istatwa ta' Sant' Ubaldeska*


Mr. Jeans
JEANWEAR
ZIP
JEANS & CASUAL
BASIC
GIANNINI
ORIGINAL JEANS
THE ORIGINAL
CONS
CONS JEANS COMPANY
178, COSPICUA ROAD, PAOLA



